MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Numru 20/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**John Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 20 tas-sena 2009 kontra l-akkuzat John Fenech, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi John Fenech fit- 3 ta Marzu, 2004 u fit-tlett xhur ta qabel kien qed ibiegh illegalment fl- inhawi ta Bugibba ir-raza tal-cannabis. Illi fil-fatt hu gie indikat bhala il- bejjiegh tal-istess droga minn diversi persuni. Illi dakinhar hu gie mizmum mil-Pulizija u f'garage proprjeta` tieghu f'Bugibba kif ukoll fir-residenza tieghu nstabu madwar 600 gramma raza tal-cannabis.

Ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis hija medicina perikoluza ikkontrollata bil-ligi taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, u ma kien hemm ebda licenzja jew

awtorizzazzjoni mahruga taht l- Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni, forniment u pussess tad-droga perikoluza msemmija.

John Fenech ghalhekk irrenda ruhu hati wkoll tar-reat ta’ traffikar fil- medicina perikoluza raza mehuda mill-pjanta cannabis.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi John Fenech hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis specifikata fit-Tielet Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill- President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-possess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disa u ghoxrin euro u seba u tletin centezmi (€2329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax –il elf erba’ mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmi (€116,468.67) u l- konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l- konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl- artikoli 8(b), 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini

Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi iddikjarat hati l- akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht c-cirkustanzi ndikati fl-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza John Fenech kien fil-pussess illegali ta madwar 600 gramma raza tal-cannabis illegalment liema kwantita konsiderevoli ta' droga kienet intiza biex tigi traffikata u certament mhux ghal usu esklussiv tal-akkuzat.

Ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis hija medicina perikoluza ikkontrollata bil-ligi taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, u ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l- Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad- droga perikoluza msemmija.

Illi b'ghemilu l-imsemmi John Fenech sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis li ghaliha tapplika it- Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292\39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollhu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma kienitx fornita lilhu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir- regolamenti msemmija b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi John Fenech, hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-

pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li ikollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom tapplika it-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit- Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal- Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d- droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzúi (G.N.292\39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollhu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma kienitx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmi (€2329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax –il elf erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmi (€116,468.67) u l- konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l- konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl- artikoli 8(a)(b), 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292\39) u fl-artikoli 23, 20, 17(b) u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal- imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih b'seba` (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat John Fenech hati

tal-Ewwel Kap u bi tmin (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra hati tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil John Fenech hati talli :-
1. fit-3 ta' Marzu, 2004 u fit-tlett xhur ta' qabel fl-inhawi ta' Bugibba forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis specifikata fit-Tielet Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-possess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, w dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;
2. fit-3 ta' Marzu, 2004 u fit-tlett xhur ta' qabel fl-inhawi ta' Bugibba kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li ikollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom tapplika it-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzúi (G.N.292\39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollhu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma kienitx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir- regolamenti msemmija b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi

li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, w dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati, esebita mill-Prosekuzzjoni w ezaminata mid-Difiza.
Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Simon Micallef Stafrace kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Lara Lanfranco.

Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza serva bħala mezz għall-fini biex seta' jiġi kommess ir-reat dedott taħt it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża w ghalhekk, ghall-fini tal-konkors tal-pieni, għandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] u **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.05.2003] u oħrajn).

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a)(b), 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) w ir-regola 8 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi [G.N.. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 20, 17(b), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati **John Fenech** ghall-piena komplessiva ta' ghaxar (10) snin prigunerija w ghall-multa ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000), li, jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti fi tnax (12) il-xahar prigunerija skond il-ligi, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' erba' mija w sitta w hamsin Euro w hamsa w erbghin centezmi (€456.45), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji nkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati w il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Godwin Sammut u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------